FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2002

**Numru 24**

**Avviz numru 1803/01JR**

**SMS Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Ecclesistical Insurance Office plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikrat taghha Adrian Mifsud**

**vs**

**Theresa Xuereb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u disghin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm191.15), rizultanti minn incident awtomobilistiku li gara f'San Giljan**

**nhar il-23 ta' Marzu, 2000, meta waqt li l-konvenuta kienet qieghda issuq il-vettura CBA-235 habtet mal-vettura PAX-777 proprjeta` ta' Adrian Mifsud misjuqa minn Christine Mifsud, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dana l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-12 ta' Frar, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti ta' l-istess konvenuta, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Christine Mifsud illi kienet qed issuq il-vettura assikurata mas-socjeta` attrici fil-hin ta' l-incident de quo.**

**Semgha x-xhieda ta' l-Ispettur tal-Pulizija Kevin Farrugia, Christine Mifsud, Theresa Xuereb u PS547 Martin Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Marzu, 2000, ghall-habta tas-7pm, fi Triq Lapsi, San Giljan, bejn il-vettura PAX-777 misjuqa minn Christine Mifsud u proprjeta` ta' Adrian Mifsud, u l-vettura CBA-235 misjuqa mill-konvenuta Theresa Xuereb.**

2. **Mill-provi migjuba, specjalment, mir-raod accident report esebit, kif ukoll mid-deposizzjoni ta' PS547 Martin Agius, jirrizulta li l-incident sehh meta l-attrici kienet wieqfa, u l-konvenuta rriversjat go fiha.**

3. **Fir-rapport tal-Pulizija hemm imnizzel li l-konvenut qalet li:**

 > **"as she was reversing she failed to see vehicle no. PAX777."**

 **Is-Surgent Agius jikkonferma dan id-diskors li qalet il-konvenuta wara l-habta. Dana jikkombacja ma' dak li qalet l-attrici. Inoltre jirrizulta li quddiem l-attrici kien hemm in-nies u necessarjament din kienet wieqfa.**

4. **Jigi rilevat li r-ritratti tal-vettura ta' l-attrici juru li d-daqqa kienet fuq l-bieba ta' wara, u dana jinkwadra perfettament mal-versjonijiet moghtija, cioe` li l-konvenuta rriversjat ghall-go l-attrici meta din kienet wieqfa.**

5. **Ghalhekk ghall-incident ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-konvenuta li ma qaditx attenta ghall dak li kien hemm warajha meta qed taghmel manuvra ta' reverse. It-Tribunal jirrileva li min qed jregga' lura ghandu obbligu li jara li jista' jaghmel dan minghajr ma jikkawza danni lill-hadd, sija vetturi li jkun hemm warajha, sija persuni li setghu kienu ghaddejjin minn hemm.**

6. **Id-danni huma dawk indikati fl-avviz u jirrizultaw mill-fatturi Dok.B esebita.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienet tahti unikament il-konvenuta, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u disghin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm191.15) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Settembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**